MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 1182/2002

**Citaz Nru: 1183/02 JA.**

**Tal-Ginger Limited.**

**-vs-**

**Sagirus Limited et.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' Sagirus Limited et li gie pprezentat fit-23 t' Ottubru, 2002 li permezz tieghu talbu:

Illi s-socjeta' Tal-Ginger Limited tablet u ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi, in forza ta' titolu ezekutiv, u l-istess mandat gie ezegwit billi nqabdu "*inter alia*" diversi oggetti li jinsabu fil-fond "Blue Creek Bar and

Restaurant" f' Ghar Lapsi limiti tas-Siggiewi, liema fond hu proprjeta' tas-socjeta' esponenti.

Illi l-fond fuq imsemmi, "Blue Creek Bar and Restaurant", jinsab mikri mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' J.R.S. Limited, u inoltre l-effeti mobili kollha esistenti f' dan il-fond gew akkwistati mis-socjeta' J.R.S. Limited u huma ta' proprjeta' taghha.

L-esponenti ghalhekk jitolbu bir-rispet illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna, ai termini ta' l-artikolu 283 A tal-Kodici ta' Procedura civili, illi tithassa u tigi revokata l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid fuq riferit safejn din l-ezekuzzjoni giet imwettqa ghar-rigward ta' l-oggetti li nqabdu kif fuq spjegat li la huma ta' proprjeta' tas-socjeta' Sagius Limited u lanqas tad-debituri l-ohrajn Anthony u Licia konjugi Baldacchino.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Tal-Ginger Limited, ipprezentata fis-6 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha qalu:

Fl-ewwel lok, li din l-azzjoni ma' tispettax lir-rikorrenti imma se mai lis-socjeta' J.R.S. Limited u dan ghaliex skond l-allegazzjoni li saret fir-rikors l-oggetti maqbuda huma propjeta' ta' din is-socjeta' u mhux tar-rikorrenti;

Fit-tieni lok, trid issir il-prova li l-oggetti maqbuda huma tassew propjeta' tas-socjeta' J.R.S. Limited;

Fit-tielet lok, illi dan ir-rikors qieghed isir sabiex jiu preudikati d-drittijiet tal-esponenti u dan jidher anke mill-fatt illi s-socjeta' J.R.S. Limited ghandha bhala shareholders inter alia lill-istess Anthony u Maria Licia Baldacchino u inoltre huwa biss Anthony Baldacchino li ghandu poter ta' decizjonijiet u tmexxija f' din il-kumpanija kif sejjer jigi ppruvat;

Fir-raba lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, illi tali ezekuzzjoni tal-mandat ta' qbid in kwistjoni ghandha tigi

se mai mhassra biss ghal dawk l-oggetti li fuqhom tingab prova ta’ proprjeta.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ma tipprezenta ebda dikkukulta, is-socjeta’ rikorrenti qed titlob revoka tal-mandat ta’ qbid in kwistjoni, ghaliex fi kliem l-istess rikors l-*effetti mobili kollha esistenti f’ dan il-fond gew akkwistati mis-socjeta’ J.R..S. Limited*.

Ghalhekk ghandhom ragun l-intimati jeccepixxi illi dawn il-proceduri kienu jispetaw lill-imsemmija socjeta’ JRS Limited ghaliex is-socjeta’ rikorrenti ma ghandha ebda interess fl-esekuzzjoni o meno tal-mandat.

**Ghaldaqstant il-Qorti, tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------